IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 30.5.2012
COM(2012) 257 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

RAPPORT DWAR IL-KONVERĠENZA TAL-2012

(Imħejji skont l-Artikolu 140(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)

{SWD(2012) 144 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

RAPPORT DWAR IL-KONVERĠENZA TAL-2012

(Imħejji skont l-Artikolu 140(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)

1. L-ISKOP TAR-RAPPORT

L-Artikolu 140(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem it-TFUE) jirrikjedi li l-Kummissjoni u l-BĊE jirrapportaw lill-Kunsill, talanqas darba kull sentejn, jew wara talba ta' xi wieħed mill-Istati Membri b'deroga[1], dwar il-progress miksub mill-Istati Membri fit-twettiq tal-obbligi tagħhom dwar l-ilħiq ta' unjoni ekonomika u monetarja. Ir-Rapporti dwar il-Konverġenza l-aktar riċenti tal-Kummissjoni u tal-BĊE ġew adottati f'Mejju 2010.

Ir-Rapport dwar il-Konverġenza tal-2012 ikopri it-tmien Stati Membri li ġejjin b'deroga: il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija, u l-Isvezja[2]. Valutazzjoni aktar dettaljata tal-qagħda tal-konverġenza f'dawn l-Istati Membri hija pprovduta f'Anness Tekniku għal dan ir-rapport (SWD(2012) 144). Fi żmienl-aħħar Rapport dwar il-Konverġenza fl-2010, l-Istati Membri kienu urew progress irregolari fir-rigward tal-konverġenza, peress li ħafna minnhom kienu għaddejjin minn aġġustamenti sinifikattivi tal-iżbilanċi akkumulati qabel, fl-isfond tal-kriżi ekonomika u finanzjarja. L-eżami preżenti xorta jseħħ f'ambjent estern diffiċli, b'irkupru fraġli fir-reġjun u ostakli rikorrenti fis-swieq finanzjarji.

Il-kontenut tar-rapporti mħejjija mill-Kummissjoni u l-BĊE huwa rregolat mill-Artikolu 140(1) tat-TFUE. Dan l-Artikolu jesiġi li r-rapporti jinkludu eżami tal-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, inklużi l-istatuti tal-bank ċentrali nazzjonali, mal-Artikoli 130 u 131 tat-TFUE u l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-Istatut tas-SEBĊ/BĊE). Ir-rapporti jridu jeżaminaw ukoll jekk ikunx intlaħaq grad għoli ta' konverġenza sostenibbli fl-Istat Membru kkonċernat, b'referenza għall-issodisfar tal-kriterji tal-konverġenza (l-istabbiltà tal-prezzijiet, il-finanzi pubbliċi, l-istabbiltà tar-rati tal-kambju, ir-rati tal-imgħax għal żmien twil), u billi jitqiesu fatturi oħrajn imsemmija fl-aħħar sottoparagrafu tal-Artikolu 140(1) tat-TFUE. L-erba' kriterji ta' konverġenza huma żviluppati aktar fi Protokoll anness mat-Trattati (il-Protokoll Nru 13 dwar il-kriterji ta' konverġenza).

Il-kriżi ekonomika u finanzjarja kixfet nuqqasijiet fis-sistema ta' tmexxija ekonomika attwali tal-UEM u uriet li l-istrumenti eżistenti tagħha jeħtieġ li jintużaw b'mod aktar sħiħ. L-eżami attwali jseħħ f'kuntest tar-riforma tal-governanza tal-

[1] L-Istati Membri li għadhom ma ssodisfawx il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro huma msemmija bħala "Stati Membri b'deroga". Id-Danimarka u r-Renju Unit innegozjaw arranġamenti biex ma jiġux inklużi (opt-out) qabel l-adozzjoni tat-Trattat ta' Maastricht u ma jipparteċipawx fit-tielet fażi tal-UEM.

[2] Id-Danimarka u r-Renju Unit ma esprimewx intenzjoni li jadottaw l-euro u għalhekk mhumiex koperti fil-valutazzjoni.

UEM, li saret matul l-aħħar sentejn bil-għan li tiżgura funzjonament sostenibbli tal-unjoni ekonomika u monetarja. Il-valutazzjoni ta' konverġenza għaldaqstant hija allinjata mal-approċċ usa' "Simestru Ewropew" li jikkunsidra l-isfidi tal-politika ekonomika li qed taffaċċja l-UEM biex tiżgura sostenibbiltà fiskali, kompetittività, stabbiltà tas-suq finanzjarju u tkabbir ekonomiku, b'mod integrat u upstream. L-innovazzjonijiet ewlenin fil-qasam tar-riforma ta' governanza, it-tisħiħ tal-valutazzjoni tal-proċess ta' konverġenza ta' kull Stat Membr u s-sostenibbiltà tagħha, jinkludu, *inter alia* l-proċedura tad-defiċit eċċessiv, kif imsaħħa mir-riforma tal-2011 tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, u strumenti ġodda fil-qasam tas-sorveljanza tal-iżbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, hija tqis il-valutazzjoni tal-Programmi ta' Konverġenza tal-2012[3] u s-sejbiet skont ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku Eċċessiv[4].

Kriterji ta' konverġenza

L-eżami **tal-kompatibilità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali**, inklużi l-istatuti tal-banek ċentrali nazzjonali, mal-Artikolu 130 u mal-obbligu tal-konformità skont l-Artikolu 131 tat-TFUE jinkludi valutazzjoni tal-osservanza tal-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju (l-Artikolu 123) u l-projbizzjoni tal-aċċess privileġġat (l-Artikolu 124); konsistenza mal-għanijiet tas-SEBĊ (Artikolu 127(1)) u kompiti (Artikolu 127(2)) u aspetti oħra relatati mal-integrazzjoni tal-banek ċentrali nazzjonali fis-SEBĊ fiż-żmien tal-adozzjoni tal-euro.

Il-**kriterju ta' stabbiltà tal-prezzijiet** ġie definit fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 140(1) tat-TFUE: *"il-ksib ta' livell għoli ta' stabbiltà fil-prezzijiet [...] jirriżulta minn rata ta' inflazzjoni li l-iżjed tkun tixbaħ lil dik tat-tlett Stati Membri li jkunu qed imorru l-aħjar f'dik li hija l-istabbiltà fil-prezzijiet".*

L-Artikolu 1 tal-Protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza jistipula wkoll li "*il-kriterju tal-istabbilità tal-prezzijiet [...] ifisser li l-Istat Membru jkollu grad ta' stabbilità tal-prezzijiet li jkun sostenibbli u rata medja ta' inflazzjoni, osservata fuq perjodu ta' sena qabel l-eżami, li ma teċċedix b'aktar minn 1,5 %,dik tal-aħjar tliet Stati Membri, f'dik li hi stabbiltà fil-prezzijiet. L-inflazzjoni għandha tiġi mkejla permezz ta' indiċi tal-prezzijiet tal-konsumatur fuq bażi komparabbli, meta jiġu kkunsidrati d-differenzi fid-definizzjonijiet nazzjonali*[5]". Ir-rekwiżit tas-sostenibbiltà jimplika li r-rendiment sodisfaċenti tal-inflazzjoni, essenzjalment, irid jiġi attribwit għall-mod li bih ivarjaw l-ispejjeż tad-dħul u fatturi oħrajn li jaffettwaw l-iżviluppi fil-prezzijiet b'mod strutturali, aktar milli għall-impatt ta' fatturi temporanji. Għalhekk, l-eżami tal-konverġenza jinkludi valutazzjoni tal-fatturi li għandhom impatt fuq il-prospettiva tal-inflazzjoni u hija kkomplementata b'referenza għall-iktar

[3] Disponibbli fuq http://ec.europa.eu/economy_finance/economic_governance/sgp/convergence/programmes/2012_en.htm

[4] Lezzjoni ewlenija mill-kriżi ekonomika u finanzjarja kienet li fil-qafas tal-governanza ekonomika, l-UEM jeħtieġ li tkun imsaħħa aktar biex tindirizza l-kwistjoni ta' tendenzi makroekonomiċi mhux sostenibbli. Il-proċedura l-ġdida dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi – Il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP) – tirreaġixxi għal dan il-bżonn u kienet waħda mill-elementi ewlenija tal-pakkett leġiżlattiv (imsejħa "6-pack" li daħal fis-seħħ f'Diċembru 2011) sabiex isaħħaħ l-istrutturi ta' governanza fl-UEM

[5] Għall-finijiet tal-kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet, l-inflazzjoni titkejjel permezz tal-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP) definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95.

tbassir riċenti tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-inflazzjoni[6]. Relatat ma' dan, ir-rapport jevalwa wkoll jekk hux probabbli li l-pajjiż jissodisfa l-valur ta 'referenza fix-xhur li ġejjin.

Il-valur ta' referenza tal-inflazzjoni ġie kkalkolat li kien 3.1 % f'Marzu 2012, bl-Isvezja, l-Irlanda u s-Slovenja bħala t-tliet Stati Membri bl-aħjar riżultati.

Il-**kriterju** ta' konverġenza **li jittratta l-finanzi pubbliċi** huwa definit fit-tieni inċiż tal-Artikolu 140(1) tat-TFUE bħala *"il-pożizzjoni finanzjarja tal-Gvernx sostenibbli*: *dan jirriżulta meta jkun wasal għall-pożizzjoni fl-estimi tkun mingħajr żbilanċ eċċessiv kif stabbilit fl-Artikolu 126(6)"*. Barra minn dan, l-Artikolu 2 tal-Protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza jistipula li dan il-kriterju jfisser li "*fil-waqt tal-eżami l-Istat Membru ma jkunx suġġett meta jiġi eżaminat għal deċiżjoni tal-Kunsill taħt l-Artikolu 126(6) tat-Trattat li jkun hemm żbilanċ eċċessiv*". Bħala parti mit-tisħiħ ġenerali tal-governanza ekonomika fl-UEM, il-leġiżlazzjoni sekondarja relatata mal-finanzi pubbliċi ġiet imsaħħa fl-2011, inklużi r-regolamenti l-ġodda li jemendaw il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir[7].

It-TFUE jirreferi għall-**kriterju tar-rati tal-kambju** fit-tielet inċiż tal-Artikolu 140(1) bħala *"osservanza l-marġni ta' fluttwazzjoni normali li dwarhom hemm provdut bil-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju tas-Sistema Monetarja Ewropea, għal mill-inqas sentejn, mingħajr żvalutazzjoni fil-konfront tal-euro"*.

L-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza jistipula: *"Il-kriterju fuq il-parteċipazzjoni f'Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju tas-Sistema Monetarja Ewropea (...) ifisser li Stat Membru jkun irrispetta l-marġni normali ta' fluttwazzjoni li hemm provdut dwarhom bil-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju tas-Sistema Monetarja Ewropea mingħajr tensjonijiet qawwija għal talanqas l-aħħar sentejn qabel l-eżami. Partikolarment, l-Istat Membru ma jridx ikun żvaluta r-rata bilaterali ċentrali tal-munita tiegħu kontra l-euro għall-istess perjodu"*[8].

Il-perjodu rilevanti ta' sentejn għall-valutazzjoni tal-istabbiltà tar-rata tal-kambju f'dan ir-rapport huwa bejn l-1 ta' Mejju 2010 u t-30 ta' April 2012. Fil-valutazzjoni tagħha tal-kriterju tal-istabbilità tar-rati tal-kambju, il-Kummissjoni tqis l-iżviluppi

---

6 It-tbassir kollu għall-inflazzjoni u varjabbli oħrajn fir-rapport attwali huma mit-Tbassir tar-Rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni. It-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni huma msejsa fuq sett ta' suppożizzjonijiet komuni għal varjabbli esterni u fuq is-suppożizzjoni ta' l-ebda bidla fil-politika filwaqt li jitqiesu miżuri li huma magħrufa f'biżżejjed dettall. It-tbassir tal-valur ta' referenza huwa soġġett għal inċertezzi sinifikanti, minħabba li dan jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-inflazzjoni mbassra għat-tliet Stati Membri li jkunu mistennija li jkollhom l-aħjar prestazzjoni f'termini ta' stabbilta ta' prezzijiet fil-perjodu ta' tbassir, u li allura jżid il-marġni ta' żball possibbli.

7 Direttiva dwar ir-rekwiżiti minimi għal oqsma bażitarji nazzjonali, żewġ regolamenti ġodda dwar sorveljanza makroekonomika u tliet regolamenti li jemendaw il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) daħlu fis-seħħ fit-13 ta' Diċembru 2011 (waħda minn żewġ regolamenti ġodda dwar sorveljanza makroekonomika u waħda minn tliet regolamenti li jemendaw il-PST tinkludi mekkaniżmi ta' infurzar ġodda għall-Istati Membri fiż-żona tal-euro). Minbarra l-operazzjonalizzazzjoni tal-kriterju tad-dejn fil-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv, l-emendi introduċew għadd ta' novitajiet importanti fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, b'mod partikolari parametru referenzjarju tan-nefqa li jikkomplimenta l-valutazzjoni tal-progress lejn l-għan bażitarju speċifiku għall-pajjiż għal terminu ta' żmien medju.

8 Fil-valutazzjoni tal-konformità mal-kriterju tar-rata tal-kambju, il-Kummissjoni teżamina jekk ir-rata tal-kambju baqgħetx viċin tar-rata ċentrali ERM II, filwaqt li jistgħu jitqiesu r-raġunijiet għal apprezzament, skont l-Istqarrija Komuni dwar il-Pajjiżi tal-Adeżjoni u l-ERM2 mill-Kunsill Informali ECOFIN, Ateni, 5 ta' April 2003.

f'indikaturi awżiljari bħal żviluppi f'riżervi barranin, rati tal-imgħax għal perjodu ta' żmien qasir, kif ukoll ir-rwol tal-miżuri tal-politika, inklużi interventi fis-swieq tal-kambju, fiż-żamma tal-istabbiltà tar-rata tal-kambju. L-analiżi tqis ukoll l-impatt ta' arranġamenti ta' finanzjament uffiċjali esterni fejn huma rilevanti, inkluż id-daqs tagħhom, l-ammont u l-profil tal-flussi ta' assitenza u l-kundizzjonalità ta' politika possibbli.

Ir-raba' inċiż tal-Artikolu140(1) tat-TFUE jistipula "id-durabbiltà tal-konverġenza miksuba mill-Istat Membru b'deroga u l-parteċipazzjoni tiegħu fil-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju kif jidher fil-***livelli tar-rati ta' mgħax f'perjodi fit-tul***". L-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza jistipula wkoll li "*il-kriterju dwar il-konverġenza ta' rati ta' mgħax (...) ifisser li, Stat Membru, osservat fuq perjodu ta' sena qabel l-eżami, kellu rata ta' mgħax nominali medja għal żmien twil li ma taqbiżx b'aktar minn żewġ punti perċentwali dik, fl-aħħar mill-aħħar, tat-tliet Stati Membri li jmorru l-aħjar fl-istabbiltà tal-prezzijiet. Ir-rati ta' mgħax jitqiesu abbażi ta' titoli tal-gvern għal żmien twil jew obbligazzjonijiet komparabbli, meta jiġu kkunsidrati d-differenzi fid-definizzjonijiet nazzjonali*". Fl-istadju attwali, is-swieq tal-bonds sovrani f'xi Stati Membri huma soġġetti għal distorsjonijiet kbar, li jagħmlu r-rati tal-imgħax tagħhom għal żmien twil, valur ta' referenza mingħajr siwi għall-valutazzjoni ta' konverġenza. F'dan l-isfond, ma jkunx xieraq li tiġi inkluża r-rata tal-imgħax għal żmien twil tal-Irlanda, wieħed mit-tliet Stati Membri bl-aħjar riżultati f'termini ta' stabbiltà tal-prezzijiet, fil-kalkolu tal-valur ta' referenza għall-kriterju tar-rati tal-imgħax għal żmien twil. Għalhekk, il-valur ta' referenza huwa bbażat fuq ir-rati tal-imgħax għal żmien twil fl-Isvezja u s-Slovenja[9].

Il-valur ta' referenza għar-rata tal-imgħax ġie kkalkolat li kien 5.8 % f'Marzu 2012.

L-Artikolu 140(1) tat-TFUE jirrikjedi wkoll eżami ta' fatturi oħrajn rilevanti għall-integrazzjoni ekonomika u l-konverġenza. Dawn il-fatturi addizzjonali jinkludu l-integrazzjoni tas-suq finanzjarju u s-suq tal-prodotti, l-iżvilupp tal-bilanċ tal-pagamenti fuq kont kurrenti u l-iżvilupp tal-kosti ta' unità tax-xogħol u indiċijiet oħra ta' prezzijiet. Dawn tal-aħħar huma koperti mill-valutazzjoni tal-istabbiltà tal-prezzijiet. Il-fatturi addizzjonali huma indikaturi importanti li l-integrazzjoni ta' Stat Membru fiż-żona tal-euro, se tipproċedi mingħajr diffikultajiet.

2. IL-BULGARIJA

Il-leġiżlazzjoni fil-Bulgarija – partikolarment il-Liġi dwar il-Bulgarska narodna banka (BNB) u l-Att dwar il-Prevenzjoni u l-Aċċertament ta' Kunflitt ta' Interess – **mhumiex kompatibbli b'mod sħiħ** mal-obbligu ta' konformità skont l-Artikolu 131 tat-TFUE. Inkompatibbiltajiet u imperfezzjonijiet jeżistu fl-oqsma tal-indipendenza tal-BNB, il-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju u l-integrazzjoni tal-bank ċentrali fis-SEBĊ, fir-rigward tal-kompiti tas-SEBĊ stabbiliti fl-Artikolu 127(2) tat-TFUE u fl-Artikolu 3 tal-Istatut tas-SEBĊ/BĊE.

[9] Il-valur ta' referenza għal Marzu 2012 huwa kkalkulat bħala medja sempliċi tar-rati medji tal-imgħax għal perjodu ta' żmien twil fl-Isvezja (2.2 %) u s-Slovenja (5.4 %). B'kuntrast, ir-rata tal-imgħax medja għal żmien twil ikkalkulata fuq perjodu ta' 12-il xahar fl-Irlanda, f'Marzu 2012, kienet ta' 9.1 % . Minn Diċembru 2010, l-Irlanda kienet il-benefiċjarju tal-programm ta' assistenza finanzjarja mill-FMI/UE.


Fil-Bulgarija, l-inflazzjoni medja kkalkolata fuq 12-il xahar kienet ogħla mill-valur ta' referenza f'kull valutazzjoni ta' konverġenza minħabba l-adeżjoni fl-UE fl-2007. Ir-rata ta' inflazzjoni medja fil-Bulgarija matul it-12-il xahar sa Marzu 2012 kienet ta' 2.7 %, taħt il-valur ta' referenza ta' 3.1 %. Huwa proġettat li fix-xhur li ġejjin se tibqa' taħt il-valur ta' referenza.

Sa tard fl-2009, l-inflazzjoni annwali tal-HICP niżlet qrib iż-żero fl-isfond tal-waqgħa fil-prezzijiet tal-kommoditajiet u r-riċessjoni qawwija. Fl-2010, ix-xejra tal-inflazzjoni reġgħet lura għal żieda minħabba t-tisħiħ tal-prezzijiet tal-kommoditajiet, iż-żidiet tat-taxxi indiretti filwaqt li xorta żdiedu b'mod sostanzjali l-pagi. Hija laħqet massimu ta' 4.6 % fil-bidu tal-2011 qabel ma reġgħet naqset peress li ż-żewġ fatturi preċedenti naqsu fl-impatt tagħhom għal 2 % sa tmiem l-2011. F'Marzu 2012, l-inflazzjoni annwali tal-HICP kienet madwar 1.7 %.

L-inflazzjoni hija mistennija li togħla ftit matul l-2012, peress li se jkunu kkonfermati żidiet fil-prezz tal-kommoditajiet fil-bidu tas-sena u t-tkabbir nominali għoli tal-pagi huwa mistenni li jgħolli l-prezzijiet tas-servizzi, minkejja domanda domestika dgħajfa. Għaldaqstant, it-Tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni jipproġetta inflazzjoni medja annwali ta' 2.6 % fl-2012 u 2.7 % fl-2013. Il-livell relattivament baxx tal-prezzijiet fil-Bulgarija (49 % tal-medja taż-żona tal-euro fl-2010) jissuġġerixxi potenzjal sinifikanti għal aktar konverġenza fil-livell tal-prezz f'terminu ta' żmien twil.

Il-Bulgarija tissodisfa l-kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet.

Grafika 2a: **Il-Bulgarija - Il-kriterju tal-inflazzjoni mill-2006**
(perċentwali, medja v arjabbli ta' 12-il xahar)



Nota: It-tikek f'Diċembru 2012 juru l-valur ta' referenza u l-inflazzjoni medja ta' 12-il xahar previsti fil-pajjiż.
Sors: Eurostat, It-tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni.

Il-Bulgarija bħalissa hija soġġetta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv (id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2010)[10]. Il-Kunsill irrakkomanda lill-Bulgarija sabiex tieħu azzjoni biex sal-2011 tnaqqas id-defiċit taħt it-3 % tal-PDG b'mod kredibbli u sostenibbli. Il-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika naqas minn defiċit ta' 4.3 % tal-PDG fl-2009 għal 3.1 % fl-2010, fl-isfond tal-infiq kontra l-PDG. Il-proporzjon tad-defiċit mal-PDG kien ta' 2.1 % fl-2011 u skont it-Tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni, huwa previst li jitjieb għal 1.9 % tal-PDG fl-2012 u 1.7 % fl-2013, taħt suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika,


[10] 2010/422/KE (ĠU L 199, tad-31.7.2010, p. 26).

appoġġjat minn tkomplija tal-iffriżar fin-nefqa tal-pagi tas-settur pubbliku u l-pensjonijiet kif ukoll miżuri sabiex jixprunaw il-ġbir tad-dħul. Il-proporzjon tad-dejn pubbliku gross baqa' baxx madwar 16.3 % tal-PDG fl-2011 u huwa mbassar li jiżdied għal 17.6 % tal-PDG fl-2012 u 18.5 % tal-PDG fl-2013.

Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi u tat-Tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-Servizzi tal-Kummissjoni, din tal-aħħar jidhrilha li d-defiċit eċċessiv ġie kkoreġut bi tnaqqis kredibbli u sostenibbli tad-defiċit baġitarju taħt it-3 % tal-PDG. Għalhekk, il-Kummissjoni qed tirrakkomanda lill-Kunsill biex iħassar id-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għall-Bulgarija.

Jekk il-Kunsill jiddeċiedi li jħassar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv għall-Bulgarija, **il-Bulgarija se tissodisfa l-kriterju dwar il-finanzi pubbliċi**.

Grafika 2b: **Il-Bulgarija - Il-bilanċ tal-baġit u d-dejn tal-gvern**
gradazzjoni bil-maqlub (f'perċentwali tal-PDG)



(*) It-tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni.
Sors: Eurostat, is-servizzi tal-Kummissjoni.

Il-lev Bulgaru mhux qed jipparteċipa fl-ERM II. Il-Bank Nazzjonali Bulgaru (BNB) jkompli jsegwi l-objettiv primarju tiegħu ta' stabbilità fil-prezzijiet permezz ta' rata tal-kambju ċentrali fil-kuntest ta' Ftehim dwar Bord tal-Valuta (CBA). Il-Bulgarija introduċiet is-CBA tagħha fl-1 ta' Lulju 1997, bl-irbit tal-Lev Bulgaru mal-Mark Ġermaniż u aktar tard mal-euro. Indikaturi addizzjonali, bħal żviluppi f'riżervi tas-swieq tal-kambju rati tal-imgħax għal żmien qasir jissuġġerixxu li l-perċezzjoni tar-riskju tal-investituri fir-rigward tal-Bulgarija kienet ġeneralment qed titjieb mill-2009. Ilqugħ imdaqqas ta' riżerva uffiċjali jkompli jsostni r-reżiljenza tas-CBA. Matul il-perjodu ta' valutazzjoni ta' sentejn, il-lev Bulgaru baqa' stabbli fil-konfront tal-euro, skont it-tħaddim tas-CBA.

Il-Bulgarija ma tissodisfax il-kriterju dwar ir-rata tal-kambju.

Ir-rata medja tal-imgħax għal żmien twil fil-Bulgarija fis-sena sa Marzu 2012 kienet ta' 5.3 %, taħt il-valur ta' referenza ta' 5.8 %. Dan gradwalment naqas minn 7 % kmieni fl-2010 għal ftit iktar minn 5 % sa tmiem l-2011. Firxiet ta' rendimenti fil-konfront ta' bonds referenzjali għal żmien twil taż-żona tal-euro[11] kienu volatili iżda naqsu gradwalment bejn il-ħarifa tal-2009 u l-bidu tal-2012, peress li r-rendimenti tal-bonds tal-Bulgarija waqgħu hekk kif ikkalmaw it-tensjonijiet finanzjarji globali u

[11] Firxiet ta' interessi għal perjodu ta' żmien twil tal-pajjiżi fil-konfront tal-bonds referenzjali għal perjodu ta' żmien twil taż-żona tal-euro huma kkalkulati bl-użu tas-serje ta' kull xahar "EMU convergence criterion bond yields" ippubblikat mill-Eurostat. Is-serje hija wkoll ppubblikata mill-BĊE bl-isem "Harmonised long-term interest rate for convergence assessment purposes".

naqsu l-primjums tar-riskji tal-pajjiż. F'nofs l-2010, pressjoni temporanja li affettwat ir-rendimenti tal-Bulgarija għal żmien twil, kienet marbuta mal-kriżi tad-dejn sovran taż-żona tal-euro u t-tħassib dwar il-kwalità tal-istatistika tal-finanzi pubbliċi Bulgari.

Il-Bulgarija tissodisfa l-kriterju dwar il-konverġenza ta' rati tal-imgħax għal żmien twil.

Ġew eżaminati wkoll fatturi addizzjonali, inklużi l-iżviluppi fil-bilanċ tal-pagamenti u l-integrazzjoni tas-suq tal-prodotti u dak finanzjarju. Il-bilanċ estern tal-Bulgarija kien aġġustat minn defiċits kbar ħafna sal-2008 għal pożizzjoni ġeneralment ibbilanċjata fl-2010 u surplus ta' madwar 2 % tal-PDG fl-2011. It-titjib kien l-aktar minħabba l-bilanċ tal-kummerċ hekk kif l-importazzjonijiet naqsu minħabba domanda domestika inqas, filwaqt li l-esportazzjonijiet kibru b'mod dinamiku fl-2010 u l-2011. It-tnaqqis tal-finanzjament estern nett tas-settur bankarju rriżulta fi flussi sinifikanti mill-kont finanzjarju, parzjalment kontrobilanċjati minn flussi tal-IDB, li komplew minkejja li kienu f'livell iżjed baxx minn qabel il-kriżi. L-ekonomija tal-Bulgarija hija integrata tajjeb fi ħdan l-ekonomija tal-UE, partikolarment permezz tar-rabtiet kummerċjali u tal-IDB qawwija. Abbażi ta' indikaturi magħżula relatati mal-ambjent tan-negozju, il-prestazzjoni tal-Bulgarija hija taħt il-medja tal-Istati Membri taż-żona tal-euro. L-integrazzjoni tas-settur finanzjarju domestiku fis-settur tas-sistema finanzjarja tal-UE huwa sostanzjali, prinċipalment bis-saħħa tal-livell għoli ta' sidien barranin tas-sistema bankarja. B'konformità mal-konklużjoni tar-Rapport tal-Mekkaniżmu ta' Twissija ta' Frar 2012, il-Bulgarija kienet soġġetta għal reviżjoni dettaljata fil-kuntest tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku.

Fid-dawl tal-valutazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà ġuridika u tas-sodisfar tal-kriterji ta' konverġenza, u b'kunsiderazzjoni għall-fatturi addizzjonali, il-Kummissjoni tqis li l-Bulgarija ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni tal-euro.

3. IR-REPUBBLIKA ĊEKA

Il-leġiżlazzjoni fir-Repubblika Ċeka – b'mod partikolari l-Att dwar Česká národní banka (čnb) – **mhix kompatibbli b'mod sħiħ** mal-obbligu ta' konformità skont l-Artikolu 131 tat-TFUE. L-inkompatibbiltajiet notevolment jikkonċernaw l-indipendenza tal-bank ċentrali, il-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju u l-integrazzjoni tal-bank ċentrali fis-SEBĊ fiż-żmien tal-adozzjoni tal-euro rigward il-kompiti tas-SEBĊ stabbiliti fl-Artikolu 127(2) tat-TFUE u l-Artikolu 3 tal-Istatut tas-SEBĊ/BĊE. Barra minn hekk, l-Att dwar ČNB fih ukoll xi nuqqasijiet li jikkonċernaw l-indipendenza tal-bank ċentrali, il-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju u l-kompiti tas-SEBĊ.

Fir-Repubblika Ċeka, l-inflazzjoni medja fuq 12-il xahar kienet taħt il-valur ta' referenza fil-ħin tal-aħħar valutazzjoni ta' konverġenza fl-2010. Ir-rata ta' inflazzjoni medja fir-Repubblika Ċeka matul it-12-il xahar sa Marzu 2012 kienet ta' 2.7 %, taħt il-valur ta' referenza ta' 3.1 %. Huwa proġettat li fix-xhur li ġejjin se jiżdied iktar mill-valur ta' referenza.


L-inflazzjoni fir-Repubblika Ċeka ġeneralment kellha movimenti konformi mal-livelli taż-żona tal-euro fis-snin riċenti. L-inflazzjoni annwali naqset drastikament u

għal ftit saret negattiva matul l-2009, meta l-ekonomija Ċeka daħlet f'reċessjoni. L-inflazzjoni baqgħet imrażżna fl-2010 u l-2011 meta d-domanda domestika kienet baxxa, filwaqt li l-iżviluppi tal-prezzijiet tal-importazzjoni mexxew l-aktar il-prezzijiet domestiċi. L-inflazzjoni żdiedet fil-bidu tal-2012, il-biċċa l-kbira minħabba żieda tar-rata preferenzjali tal-VAT .

L-inflazzjoni hija mistennija li tibqa' ogħla fl-2012 meta mqabbla ma' snin reċenti b'reazzjoni għaż-żieda tar-rata tal-VAT, għalkemm huma mistennija li d-domanda domestika baxxa u l-iżviluppi favorevoli fil-kost tal-unità tal-impjieg jimmoderaw ż-żieda fil-prezzijiet u biex dawn ma jkomplux jogħlew. Fuq din il-bażi, it-Tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni jipprevedi li inflazzjoni medja annwali tal-HICP tkun ta' 3.3 % fl-2012 u 2.2 % fl-2013. Il-livell tal-prezzijiet fir-Repubblika Ċeka (madwar 72 % tal-medja taż-żona tal-euro fl-2010) jissuġġerixxi potenzjal għal konverġenza tal-livell tal-prezz f'terminu ta' żmien twil.

Ir-Repubblika Ċeka ma tissodisfax il-kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet.

Grafika 3a: **Ir-Repubblika Ċeka - Il-kriterju tal-inflazzjoni mill-**
(perċentwali, medja varjabbli ta' 12-il xahar)




Nota: It-tikek f'Diċembru 2012 juru l-valur ta' referenza u l-inflazzjoni medja ta' 12-il xahar previsti fil-pajjiż.
Sors: Eurostat, It-tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni.

Ir-Repubblika Ċeka bħalissa hija soġġetta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv (id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2009)[12]. Il-Kunsill irrakkomanda lir-Repubblika Ċeka sabiex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv sa l-2013. Id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika fir-Repubblika Ċeka tela' għal 5.8 % tal-PDG fl-2009, iżda naqas għal 4.8 % u 3.1 % tal-PDG fl-2010 u l-2011 rispettivament fost l-isforzi ta' konsolidazzjoni fiskali. Skont it-Tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni, li huwa bbażat fuq suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika, il-proporzjon tad-defiċit mal-PDG se jammonta għal 2.9 % fl-2012 u 2.6 % fl-2013, filwaqt li d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika huwa mistenni li jiżdied minn 43.9 % tal-PDG fl-2012 għal 44.9 % tal-PDG fl-2013.

Ir-Repubblika Ċeka ma tissodisfax il-kriterju dwar il-finanzi pubbliċi.

[12] 2010/284/UE (ĠU L 125, 21.5.2010, p. 36-37).

Grafika 3b: **Ir-Rep.Ċeka - Il-bilanċ tal-baġit u d-dejn tal-gvern**
gradazzjoni bil-maqlub (f'perċentwali tal-PDG)



(*) It-tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni.
Sors: Eurostat, is-servizzi tal-Kummissjoni.

Il-koruna Ċeka mhix qed tipparteċipa fl-ERM II. Ir-Repubblika Ċeka tħaddem sistema tar-rata tal-kambju varjabbli. Wara impetu ta' dgħufija qawwi matul l-iżvolġiment tal-kriżi finanzjarja globali tard fl-2008, ir-rata tal-kambju tal-koruna kontra l-euro segwit l-apprezzament ġenerali tat-tendenza bejn l-2009 u nofs l-2011. Firxiet tar-rata tal-imgħax għal żmien qasir fil-konfront tal-euro naqsu b'mod sinifikanti fl-2009-2010 u saru negattivi fl-2011 matul it-tensjonijiet fis-swieq finanzjarji taż-żona tal-euro. Il-koruna ddeprezzat fit-tieni nofs tal-2011, iżda rkuprat parti mit-telf fil-bidu tal-2012. Matul is-sentejn qabel din il-valutazzjoni, il-koruna ssaħħet fil-konfront tal-euro bi 2.8 %.

Ir-Repubblika Ċeka ma tissodisfax il-kriterju dwar ir-rata tal-kambju.

Ir-rata medja tal-imgħax għal żmien twil fir-Repubblika Ċeka fis-sena sa Marzu 2012 kienet ta' 3.5 %, ferm taħt il-valur ta' referenza ta' 5.8 %. Ir-rati medji tal-imgħax għal żmien twil fir-Repubblika Ċeka baqgħu taħt il-valur ta' referenza f'kull valutazzjoni ta' konverġenza mill-adeżjoni fl-UE f'Mejju 2004. Firxiet ta' rendimenti ta' bonds ta' referenza għal żmien twil fiż-żona tal-euro kibru drastikament matul it-tensjonijiet globali tas-suq tard fl-2008 u fl-ewwel nofs tal-2009, iżda baqgħu anqas affettwati meta mqabbla ma' Stati Membri oħrajn li għandhom deroga. Ir-rendimenti fuq żmien twil fuq il-bonds tal-gvern Ċek naqsu sew bejn l-2009 u l-bidu tal-2012, u jirriflettu notevolment tnaqqis fir-rati tal-politika tal-bank ċentrali kif ukoll elementi fundamentali relattivament qawwija tal-ekonomija.

Ir-Repubblika Ċeka tissodisfa l-kriterju dwar il-konverġenza ta' rati tal-imgħax għal żmien twil.

Ġew eżaminati wkoll fatturi addizzjonali, inklużi l-iżviluppi fil-bilanċ tal-pagamenti u l-integrazzjoni tas-suq tal-prodotti u dak finanzjarju. Fis-snin 2008-2011, id-defiċit estern f'livelli moderati kien ta' madwar 2 % tal-PDG; żieda fis-surplus kummerċjali tal-merkanzija kontrobilanċjata minn flussi ta' dħul nett dejjem jogħlew fost profitti solidi relatati mal-IDB. L-ekonomija Ċeka hija integrata ħafna fl-ekonomija tal-UE permezz tar-rabtiet kummerċjali u tal-IDB qawwija. Abbażi ta' indikaturi magħżula relatati mal-ambjent tan-negozju, il-prestazzjoni tar-Repubblika Ċeka hija taħt il-medja tal-Istati Membri taż-żona tal-euro. L-integrazzjoni tas-settur finanzjarju domestiku fis-sistema finanzjarja tal-UE hija sostanzjali, partikolarment permezz ta' rabtiet interbankarji qawwija.

Fid-dawl tal-valutazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà ġuridika u tas-sodisfar tal-kriterji ta' konverġenza, u b'kunsiderazzjoni għall-fatturi addizzjonali, il-Kummissjoni tqis li r-Repubblika Ċeka ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni tal-euro.

4. IL-LATVJA

Il-leġiżlazzjoni fil-Latvja, b'mod partikolari l-Liġi dwar Latvijas Banka – **mhix kompatibbli b'mod sħiħ** mal-obbligu tal-konformità skont l-Artikolu 131 tat-TFUE. L-inkompatibbiltajiet notevolment jikkonċernaw l-indipendenza tal-bank ċentrali, il-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju u l-integrazzjoni tal-bank ċentrali fis-SEBĊ fiż-żmien tal-adozzjoni tal-euro rigward il-kompiti tas-SEBĊ stabbiliti fl-Artikolu 127(2) tat-TFUE u l-Artikolu 3 tal-Istatut tas-SEBĊ/BĊE. Barra minn hekk, jeżistu nuqqasijiet fil-qasam tal-indipendenza tal-bank ċentrali u l-kompiti tas-SEBĊ.


Fil-Latvja, l-inflazzjoni medja fuq 12-il xahar kienet taħt il-valur ta' referenza fil-ħin tal-aħħar valutazzjoni ta' konverġenza fl-2010. Ir-rata ta' inflazzjoni medja fil-Latvja matul it-12-il xahar sa Marzu 2012 kienet ta' 4.1 %, jiġifieri ogħla mill-valur ta' referenza ta' 3.1 %. Huwa proġettata li fix-xhur li ġejjin se tibqa' taħt il-valur ta' referenza.

Wara massimu fl-inflazzjoni annwali tal-HICP fil-livell ta' 15.3 % fl-2008, aġġustament sinifikanti tal-pagi nominali u korrezzjoni fil-prezzijiet tal-importazzjoni wasslu għal inflazzjoni ta' bażi negattiva bejn Ottubru 2009 u Novembru 2010. Hekk kif daret ir-rota u d-dinja xxukjat ruħha bil-prezzijiet il-ġodda tal-kommoditajiet, l-inflazzjoni medja telgħet minn 1.2 % fl-2010 għal 4.2 % fl-2011, xprunata wkoll minn żidiet fit-taxxi indiretti. F'Marzu 2012, l-inflazzjoni annwali mmoderat għal 3.2 %, minħabba tnaqqis fl-impatt ta 'fatturi temporanji.

L-inflazzjoni tal-HICP hija mistennija taqa'għal 2.6 % bħala medja fl-2012, skont it-Tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni, minħabba l-irkupru ekonomiku bil-mod u t-tnaqqis tal-impatt tal-bidliet fit-taxxi indiretti fl-2011. Hija mistennija tkompli tinżel fl-2013 għal medja ta' 2.1 %, fil-kuntest ta' domanda domestika relattivament baxxa. Il-livell tal-prezzijiet fil-Latvja (qrib 70 % tal-medja għaż-żona tal-euro fl-2010) jissuġġerixxi potenzjal għal konverġenza ulterjuri fil-livell tal-prezzijiet għal perjodu ta' żmien twil.

Il-Latvja ma tissodisfax il-kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet.

Grafika 4a: **Il-Latvja -Il-kriterju tal-inflazzjoni mill-2006**
(perċentwali, medja v arjabbli ta' 12-il xahar)




Nota: It-tikek f'Diċembru 2012 juru l-valur ta' referenza u l-inflazzjoni medja ta' 12-il xahar previsti fil-pajjiż.
Sors: Eurostat, It-tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni.

Il-Latvja bħalissa hija soġġetta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv (id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2009)[13]. Il-Kunsill irrakkomanda lil-Latvja biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv tagħha sal-2012. Id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika fil-Latvja laħaq 8.2 % tal-PDG fl-2010, iżda naqas għal 3.5 % tal-PDG fl-2011 minħabba sforz ta' konsolidazzjoni konsiderevoli. It-Tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni jipprevedi li l-proporzjon tad-defiċit mal-PDG se jkun moderat iktar għal 2.1 % kemm fl-2012 kif ukoll fl-2013 taħt suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika. Il-proporzjon tad-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG naqas għal 42.6 % fl-2011 iżda huwa mbassar li se jiżdied għal 44.7 % tal-PDG sal-aħħar tal-2013.

Il-Latvja ma tissodisfax l-kriterju dwar il-finanzi pubbliċi.

Grafika 4b: **Il-Latvja - Il-bilanċ tal-bażit u d-dejn tal-gvern**
gradazzjoni bil-maqlub (f'perċentwali tal-PDG)



(*) It-tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni.
Sors: Eurostat, is-servizzi tal-Kummissjoni.

Il-lats Latvjan ilu jieħu sehem fl-ERM II sa mit-2 ta' Mejju 2005, jiġifieri għal aktar minn seba' snin fiż-żmien tal-adozzjoni ta' dan ir-rapport. Meta daħal fl-ERM II, l-awtoritajiet b'mod unilaterali impenjaw ruħhom biex iżommu l-lats f'marġni ta' varjazzjoni ta' ± 1 % madwar ir-rata ċentrali. Matul is-sentejn qabel din il-valutazzjoni, ir-rata tal-kambju tal-lats ma ċċaqalqitx mir-rata ċentrali tagħha b'aktar minn ± 1 % u l-lats ma esperjenzax tensjonijiet serji, għalkemm l-aktar li ġie

[13] 2009/591/KE (ĠU L 202, 4.8.2009, p. 50).

nnegozjat kien qrib il-limitu iktar baxx tal-faxxa unilaterali. Fil-bidu tal-2011, u b'mod aktar dejjiemi minn tard l-2011, ir-rata tal-kambju ċċaqalqet għall-faxx iktar b'saħħtu, peress li t-Teżor tal-Latvja biddel il-prattika tal-konverżjoni tal-fondi f'muniti barranin tiegħu u għaldaqstant żdiedet id-domanda tas-suq għal-lats. Indikaturi addizzjonali, bħal żviluppi f'riżervi ta' muniti barranin u rati tal-imgħax għal żmien qasir ma żvelawx pressjonijiet sinifikanti fuq ir-rata tal-kambju. L-aħħar żborż mill-FMI u l-UE taħt il-programm ta' assistenza finanzjarja seħħ f'Awwissu u Ottubru 2010, rispettivament. F'Ġunju 2011, il-Latvja reġa' kellha suċċess fis-suq tal-bonds internazzjonali, segwit minn ħruġ sinifikanti ieħor fi Frar 2012, li jindikaw aċċess tajjeb għas-suq.

Il-Latvja tissodisfa l-kriterju tar-rata tal-kambju.

Ir-rata medja tal-imgħax għal żmien twil fil-Latvja fis-sena sa Marzu 2012 kienet ta' 5.8 %, l-stess daqs il-valur ta' referenza ta' 5.8 %. Ir-rata medja tal-imgħax għal żmien twil fil-Latvja kienet ogħla mill-valur ta' referenza fil-valutazzjoni ta' konverġenza tal-2010, iżda naqset ħafna minn kważi 13 % kmieni fl-2010 għal taħt is-6 % sa tmiem l-2011. Il-firxiet għal żmien twil tal-Latvja f'bonds referenzjali b'terminu għal żmien twil fiż-żona tal-euro naqsu ħafna fl-2010, peress li reġa' kien hemm fiduċja fir-rabta tal-munità, il-konsolidazzjoni fiskali rrendiet riżultati u l-konverżjoni ta' fondi tal-programm ta' assitenza, ħolqot ħafna likwidità tal-lats. It-Teżor irritorna għas-suq domestiku tal-bonds ta' 10 snin b'diversi ħarġiet iżgħar matul l-ewwel nofs tal-2011 u r-renditi fuq dawn il-bonds kienu pjuttost reżiljenti għat-taqlib fis-suq finanzjarju internazzjonali fi tmiem l-2011.

Il-Latvja tissodisfa l-kriterju dwar il-konverġenza ta' rati tal-imgħax għal żmien twil.

Ġew eżaminati wkoll fatturi addizzjonali, inklużi l-iżviluppi fil-bilanċ tal-pagamenti u l-integrazzjoni tas-suq tal-prodotti u dak finanzjarju. Il-bilanċ estern fl-2008-2009 inbidel minn defiċits kbar matul is-snin ta' splużjoni għal surplus ta' madwar 11 % tal-PDG fl-2009, li naqas għal 4.9 % tal-PDG fl-2010 u 0.9 % tal-PDG fl-2011. L-aktar żewġ muturi importanti tal-bilanċ estern kienu d-defiċit kummerċjali u l-bilanċ tad-dħul. Fil-kont finanzjarju, il-bilanċ tal-IDB tjieb gradwalment mill-2009, iżda r-ripagament ta' finanzjament estern nett tas-settur bankarju kompla anke fl-2011. Il-programm ta' assitenza tal-bilanċ ta' pagamenti UE-FMI mogħti lil-Latvja tard fl-2008, ġie konkluż b'suċċess f'Jannar 2012. Il-Latvja b'kollox isselfet biss madwar EUR 4.5 biljun minn total ta' EUR 7.5 biljun li kien disponibbli taħt il-programm. Peress li għandha kunfidenza fil-politiki tagħha u fl-aċċess għas-suq li reġgħet kisbet, il-Latvja ma talbitx programm ta' segwitu.

L-ekonomija tal-Latvja hija integrata tajjeb fl-ekonomija tal-UE permezz tar-rabtiet kummerċjali u tal-IDB. Abbażi ta' indikaturi magħżula relatati mal-ambjent tan-negozju, il-prestazzjoni tal-Latvja ġeneralment hija konformi mal-medja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro. L-integrazzjoni tas-settur finanzjarju domestiku fis-settur tas-sistema finanzjarja tal-UE huwa sostanzjali, prinċipalment bis-saħħa tal-livell għoli ta' sidien barranin tas-sistema bankarja.

Fid-dawl tal-valutazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà ġuridika u tas-sodisfar tal-kriterji ta' konverġenza, u b'kunsiderazzjoni għall-fatturi addizzjonali, il-Kummissjoni tqis li l-Latvja ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni tal-euro.

5. IL-LITWANJA

Il-leġiżlazzjoni fil-Litwanja **hija kompatibbli** mat-TFUE u l-Istatut tas-SEBĊ/BĊE bl-eċċezzjoni ta' imperfezzjoni waħda fir-rigward tal-indipendenza tal-bank ċentrali: L-Artikolu 14(4) tal-Liġi dwar l-Uffiċċju Statali tal-Awditu, għandu jinġieb totalment konformi mal-Artikolu 27.1 tal-Istatut tas-SEBĊ/BĊE.


Fil-Litwanja, l-inflazzjoni medja fuq 12-il xahar kienet ogħla mill-valur ta' referenza fiż-żmien ta' kull valutazzjoni ta' konverġenza mill-2006. Matul it-12-il xahar sa Marzu 2012, ir-rata tal-inflazzjoni medja fil-Litwanja kienet ta' 4.2 %, ogħla mill-valur ta' referenza ta' 3.1 %. Hija mistennija li fix-xhur li ġejjin se tilħaq il-valur ta' referenza.

L-inflazzjoni annwali tal-HICP laħqet il-massimu f'livell ogħla mit-12 % f'nofs l-2008 u mbagħad naqset malajr matul l-2009 hekk kif l-ekonomija daħlet f'reċessjoni. Wara tnaqqis marġinali sena wara l-oħra fil-livell tal-prezzijiet fil-bidu tal-2010, l-inflazzjoni annwali żdiedet gradwalment għal madwar 5 % f'Mejju 2011, l-aktar bħala riżultat ta' żidiet sostanzjali fil-prezz tal-kommoditajiet. Sussegwentement, hija naqset bil-mod għal taħt l-4 % fl-aħħar tal-2011, l-aktar minħabba inqas inflazzjoni fil-prezzijiet tal-ikel. L-inflazzjoni annwali ġeneralment stabbilizzat fil-bidu tal-2012.

L-inflazzjoni mistennija li tonqos għal madwar 3 % fl-2012 u l-2013 skont it-Tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni, li jirrifletti ritmu iktar bil-mod ta' tkabbir u livell tal-qgħad elevat. Il-livell relattivament baxx tal-prezzijiet fil-Litwanja (madwar 62 % tal-medja taż-żona tal-euro fl-2010) jissuġġerixxi potenzjal għal aktar konverġenza fil-livell tal-prezzijiet f'terminu ta' żmien twil.

Il-Litwanja ma tissodisfax il-kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet.

Grafika 5a: **Il-Litwanja - Il-kriterju tal-inflazzjoni mill-2006**
(perċentwali, medja varjabbli ta' 12-il xahar)



Nota: It-tikek f'Diċembru 2012 juru l-valur ta' referenza u l-inflazzjoni medja ta' 12-il xahar previsti fil-pajjiż.
Sors: Eurostat, It-tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni.


Il-Litwanja bħalissa hija soġġetta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv (id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2009)[14]. Fi Frar 2010, il-Kunsill irrakkomanda lil-Litwanja biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv tagħha sal-2012.

[14] 2009/588/KE (ĠU L 202, 4.8.2009, p. 44-45).

Id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika naqas minn 7.2 % tal-PDG fl-2010 għal 5.5 % tal-PDG fl-2011 bis-saħħa tal-isforzi kontinwi ta' konsolidazzjoni fiskali. Skont it-Tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-proporzjon tad-defiċit mal-PDG għandu jammonta għal 3.2 % fl-2012 abbażi tal-baġit 2012 u 3 % tal-PDG fl-2013 taħt suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika. Id-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika huwa mistenni li jiżdied minn 38.5 % tal-PDG fl-2011 u għal preċiżament taħt il-41 % tal-PDG fl-2013.

Il-Litwanja ma tissodisfax il-kriterju dwar il-finanzi pubbliċi.

Grafika 5b: **Il-Litwanja - Il-bilanċ tal-baġit u d-dejn tal-gvern**



(*) It-tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni.

Sors: Eurostat, is-servizzi tal-Kummissjoni.

Il-Litwanja daħlet fl-ERM II fit-28 ta' Ġunju 2004 u ila tipparteċipa fil-mekkaniżmu għal kważi tmien snin fiż-żmien tal-adozzjoni ta' dan ir-rapport. Mad-dħul tagħha fl-ERM II, l-awtoritajiet b'mod unilaterali impenjaw ruħhom biex iżommu l-Arranġament tal-Bord tal-Valuta fil-mekkaniżmu. L-Arranġament tal-Bord tal-Valuta jibqa' appoġġjat sew mir-riżervi uffiċjali. Id-differenzi tal-imgħax għal żmien qasir fil-konfront taż-żona tal-euro baqgħu taħt 50 punt ta' bażi sa minn kmieni fl-2011. Matul il-perjodu ta' valutazzjoni ta' sentejn, il-litas ma ddevjax mir-rata ċentrali, u ma esperjenzax tensjonijiet serji.

Il-Litwanja tissodisfa l-kriterju tar-rata tal-kambju.

Ir-rati medji tal-imgħax għal żmien twil fil-Litwanja kienu ogħla mill-valur ta' referenza fil-ħin tal-aħħar valutazzjoni ta' konverġenza fl-2010. Ir-rata medja tal-imgħax għal żmien twil fis-sena sa Marzu 2012 kienet ta' 5.2 %, taħt il-valur ta' referenza ta' 5.8 %. Rati tal-imgħax għal żmien twil baqgħu ftit aktar minn 5 % minn Marzu 2010 sa tard fl-2011, meta dawn żdiedu ftit. Ir-rata tal-imgħax għal żmien twil użata għall-eżami tal-konverġenza għandha, madankollu, tiġi interpretata b'attenzjoni peress li tirrifletti r-rendiment sekondarju tas-suq fuq bond tal-gvern ta' valur ta' referenza b'maturità residwa komparattivament qasira ta' madwar 6 snin filwaqt li is-suq tal-Litwanja huwa żgħir ħafna.

Il-Litwanja tissodisfa l-kriterju dwar il-konverġenza ta' rati tal-imgħax għal żmien twil.

Ġew eżaminati wkoll fatturi addizzjonali, inklużi l-iżviluppi fil-bilanċ tal-pagamenti kif ukoll l-integrazzjoni tas-suq tal-prodotti u tal-finanzi. Wara bidu ta' surplus sostanzjali fl-2009, il-bilanċ estern tal-Litwanja reġa' ddeterjora fl-2010 u l-2011, li

jirrifletti li l-bilanċ tal-kont kurrenti mar lura filwaqt li kompla jiżdied is-surplus tal-kont kapitali bis-saħħa ta' assorbiment ogħla tal-fondi tal-UE. Fl-istess ħin, il-Litwanja rnexxielha tattira flussi netti dejjem jiżdiedu ta' investiment barrani dirett fl-2010 u 2011. L-ekonomija tal-Litwanja hija integrata tajjeb fl-ekonomija tal-UE permezz tar-rabtiet kummerċjali u tal-IDB. Abbażi ta' indikaturi magħżula relatati mal-ambjent tan-negozju, il-prestazzjoni tal-Litwanja ġeneralment hija konformi mal-medja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro. Is-settur finanzjarju tal-Litwanja huwa integrat sew fis-sistema finanzjarja tal-UE kif ikkonfermat mill-ħafna banek barranin.

Fid-dawl tal-valutazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà ġuridika u tas-sodisfar tal-kriterji ta' konverġenza, u b'kunsiderazzjoni għall-fatturi addizzjonali, il-Kummissjoni tqis li l-Litwanja ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni tal-euro.

6. L-UNGERIJA

Il-leġiżlazzjoni kif attwalment fis-seħħ fl-Ungerija - partikolarment l-Att dwar il-Magyar Nemzeti Bank (MNB) u d-Dispożizzjonijiet Transizzjonali tal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija - **mhijiex kompatibbli b'mod sħiħ** mal-obbligi ta' konformità tal-Artikolu 131 tat-TFUE. L-inkompatibbiltajiet notevolment jikkonċernaw l-indipendenza tal-MNB, il-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju u l-integrazzjoni tal-bank ċentrali fis-SEBĊ fiż-żmien tal-adozzjoni tal-euro fir-rigward tal-kompiti tas-SEBĊ stabbiliti fl-Artikolu 127(2) tat-TFUE u l-Artikolu 3 tal-Istatut tas-SEBĊ/BĊE. Barra minn hekk, il-Liġi dwar l-MNB fiha wkoll imperfezzjonijiet ulterjuri rigward l-indipendenza tal-bank ċentrali u l-integrazzjoni tal-MNB fis-SEBĊ . L-abbozz tal-leġiżlazzjoni kif ippreżentat mill-gvern fis-7 ta' Marzu 2012 għall-opinjonijiet tal-BĊE, jekk ikun adottat, se jneħħi l-inkompatibbiltajiet fir-rigward tal-indipendenza tal-bank ċentrali.

Fl-Ungerija, l-inflazzjoni medja fuq 12-il xahar kienet ogħla mill-valur ta' referenza fiż-żmien ta' kull valutazzjoni ta' konverġenza sa mill-adeżjoni fl-UE. Ir-rata ta' inflazzjoni medja fl-Ungerija matul it-12-il xahar sa Marzu 2012 kienet ta' 4.3 %, taħt il-valur ta' referenza ta' 3.1 %. Hija mistennija li fix-xhur li ġejjin se tiżdied ħafna iktar mill-valur ta' referenza.


L-inflazzjoni annwali tal-HICP laħqet massimu f'livell ogħla minn 6 % f'Jannar 2010, imbuttata 'l fuq minn żidiet fiskali indiretti adottati fl-2009 u minħabba rata tal-kambju iktar dgħajfa. Fost volatilità sostanzjali, l-inflazzjoni tal-prezzijiet għall-konsumatur segwiet xejra 'l isfel, u naqset għal madwar 3 % f'Lulju 2011, hekk kif l-impatt inflazzjonarju ta' miżuri ta' darba naqas filwaqt li ssaħħet ir-rata tal-kambju. L-inflazzjoni annwali reġgħet żdiedet fit-tieni nofs tal-2011, prinċipalment instigata minn żidiet fil-prezz tal-enerġija li jirrifletti prezzijiet ogħla tal-kommoditajiet u rata ta' kambju aktar dgħajfa. Fil-bidu tal-2012, sensiela ġdida ta żidiet fiskali indirett wasslu biex il-prezzijiet għall-konsumaturi komplew jogħlew.

Skont it-Tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni, l-inflazzjoni hija mistennija li tiżdied għal aktar minn 5 % fl-2012 u mbagħad tonqos għal ftit inqas minn 4 % fl-2013, sitwazzjoni li tirrifletti l-aktar il-kontribut għall-inflazzjoni taż-żidiet fiskali indiretti. Il-livell relattivament baxx tal-prezzijiet fl-Ungerija (madwar

62 % tal-medja taż-żona tal-euro fl-2010) jissuġġerixxi potenzjal għal aktar konverġenza fil-livell tal-prezzijiet f'terminu ta' żmien twil.

L-Ungerija ma tissodisfax il-kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet.

Grafika 6a: **L-Ungerija - Il-kriterju tal-inflazzjoni mill-2006**
(perċentwali, medja v arjabbli ta' 12-il xahar)



Nota: It-tikek f'Diċembru 2012 juru l-valur ta' referenza u l-inflazzjoni medja ta' 12-il xahar previsti fil-pajjiż.
Sors: Eurostat, It-tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni.


L-Ungerija bħalissa hija soġġetta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv (id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2004)[15]. Fl-2009, il-Kunsill irrakkomanda lill-Ungerija biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv sal-2011. F'Jannar 2012, il-Kunsill stabbilixxa li l-Ungerija ma kinitx ħadet azzjoni effettiva b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2009, peress li l-konformità ta' 3 % tal-valur ta' referenza tal-PDG fl-2011 ma kinitx ibbażata fuq korrezzjoni sostenibbli u strutturali. F'Marzu 2012, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjoni ġdida (il-ħames waħda konsekuttiva) lill-Ungerija skont l-Artikolu 126(7) u, fuq il-bażi tad-deċiżjoni tiegħu ta' Jannar dwar nuqqas ta' konformità, huwa parzjalment issospenda l-impenji tal-Fond ta' Koeżjoni tal-UE għall-2013 (li jammontaw għal madwar EUR 0.5bn). Il-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika, wara li jiġi rreġistrat defiċit ta' 4.2 % tal-PDG fl-2010, laħaq surplus ta' 4.3 % tal-PDG fl-2011 minħabba operazzjonijiet ta' darba sinifikanti li mingħajrhom id-defiċit kien qabeż il-5 % tal-PDG; il-bilanċ strutturali huwa stmat li baqa' f'defiċit ta' aktar minn 4 % tal-PDG fl-2011. Skont it-Tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-proporzjon tad-defiċit mal-PDG se jammonta għal 2.5 % fl-2012, kif ukoll 2.9 % fl-2013 taħt suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika. Id-dejn tal-amministrazzjoni pubblika huwa mistenni li jonqos minn 80.6 % tal-PDG fl-2011 għal 78 % tal-PDG fl-2013.

L-Ungerija ma tissodisfax il-kriterju dwar il-finanzi pubbliċi.

15 2004/918/KE, (ĠU L 389, 30.12.2004, p. 27).

Grafika 6b: **L-Ungerija - Il-bilanċ tal-baġit u d-dejn tal-gvern**

gradazzjoni bil-maqlub (f'perċentwali tal-PDG)



(*) It-tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni.

Sors: Eurostat, is-servizzi tal-Kummissjoni.

Il-forint Ungeriż mhux qed jipparteċipa fl-ERM II. Fi Frar 2008, l-Ungerija bdiet tħaddem reġim ta' rata tal-kambju varjabbli u abbandunat ir-rabta unilaterali tal-forint mal-euro (b'faxx ta' ċaqliq ta' ±15 %). Ir-rata tal-kambju tal-forint kontra l-euro wriet volatilità qawwija fis-snin riċenti. Wara li gawda perjodu ta' stabbiltà relattiva bejn Awwissu 2009 u April 2010 fil-kuntest tal-programm ta' assistenza tal-bilanċ tal-pagamenti tal-UE-FMI, il-forint iddepprezza drastikament f'Mejju 2010 u baqa' dgħajjef matul is-sajf kollu tal-2010. Bejn Settembru 2010 u April 2011, kien hemm xejra ta' apprezzament u wara b'mod ġenerali stabbilizza għal tliet xhur oħra. Fit-tieni nofs tal-2011, meta t-tensjonijiet jiżdiedu fis-swieq finanzjarji fiż-żona tal-euro bdew jaffettwaw ħażin ukoll is-swieq tal-muniti fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, il-forint iddepprezza b'madwar 12 % kontra l-euro, wkoll minħabba xi miżuri kontroversjali tal-politika ekonomika domestika bħall-possibbiltà li jitħallsu lura selfiet fuq ipoteka fil-munita denominata b'rati tal-kambju storiċi. Huwa rkupra parti mit-telf fil-bidu tal-2012 f'perjodu ta' titjib fost t-teħid ta' riskji globali u l-aspettattivi li kien se jintlaħaq ma jdumx, fteħim dwar l-assistenza prekawzjonarja tal-bilanċ tal-pagamenti mill-UE u l-FMI. Matul il-perjodu ta' valutazzjoni ta' sentejn, il-forint iddepprezza b'6.5 % kontra l-euro.

L-Ungerija ma tissodisfax il-kriterju dwar ir-rata tal-kambju.

Ir-rati medji tal-imgħax għal żmien twil fl-Ungerija kienu ogħla mill-valur ta' referenza fiż-żmien ta' kull valutazzjoni ta' konverġenza sa mill-adeżjoni fl-UE, li jirriflettu primjums b'riskju għoli, fid-dawl ta' elementi fundamentali makroekonomiċi perċepiti. Ir-rata medja tal-imgħax għal żmien twil fis-sena sa Marzu 2012 kienet ta' 8.0 %, ogħla sew mill-valur ta' referenza ta' 5.8 %. Bejn Settembru 2009 u Settembru 2011 ir-rati tal-imgħax għal żmien twil fil-biċċa l-kbira varjaw bejn 6.5 % u 8 %. Wara, żiedu ħafna u f'Jannar 2012 qabżu d-9 %, hekk kif għadd ta' miżuri kontroversjali ta' politiki adottati mill-awtoritajiet Ungeriżi qajmu t-tħassib tal-investituri rigward l-istabbilità finanzjarja lokali.

L-Ungerija ma tissodisfax il-kriterju dwar il-konverġenza ta' rati tal-imgħax għal żmien twil.

Ġew eżaminati wkoll fatturi addizzjonali, inklużi l-iżviluppi fil-bilanċ tal-pagamenti kif ukoll l-integrazzjoni tas-suq tal-prodotti u tal-finanzi. Wara li fl-2009, il-bilanċ sar surplus, il-bilanċ estern tal-Ungerija tjieb aktar fl-2010 u l-2011. L-aġġustament kontinwu kien xprunat minn tnaqqis fid-domanda domestika, li tellef it-tkabbir fl-

importazzjoni, flimkien ma' prestazzjoni reżiljenti tal-esportazzjoni kif ukoll assorbiment aħjar tal-fondi tal-UE. L-influssi netti ta' investiment barrani dirett baqgħu relattivament żgħar fl-2010 qabel ma waqfu kompletament fl-2011, minħabba li investimenti diretti akbar minn residenti f'pajjiżi barranin paċew l-investimenti diretti barranin ogħla fl-Ungerija. L-assistenza għall-bilanċ tal-pagamenti mogħtija lill-Ungerija mill-UE u l-FMI fl-2008 skadiet fl-2010 mingħajr ebda żborż mill-finanzjament uffiċjali allokat minn qabel li seħħ fit-tieni nofs tal-2009. Madankollu, f'Novembru 2011, l-Ungerija talbet assistenza prekawzjonarja għall-bilanċ tal-pagamenti mill-UE u l-FMI f'perjodu meta s-sitwazzjoni tas-suq finanzjarju kienet qed tiddeterjora. Ma ntlaħaq ebda ftehim dwar programm ta' assistenza possibbli sad-data ta' skadenza tar-rapport. B'konformità mal-konklużjoni tar-Rapport tal-Mekkaniżmu ta' Twissija ta' Frar 2012, l-Ungerija kienet soġġetta għal reviżjoni dettaljata fil-kuntest tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku.

L-ekonomija Ungeriża hija integrata ħafna fl-ekonomija tal-UE permezz tar-rabtiet kummerċjali u tal-IDB qawwija. Abbaži ta' indikaturi magħżula relatati mal-ambjent tan-negozju, il-prestazzjoni tal-Ungerija hija taħt il-medja tal-Istati Membri taż-żona tal-euro. Fil-kuntest regolatorju u ġuridiku, li huwa kumpless u instabbli minħabba l-modifiki frekwenti u xi drabi ad hoc, hija għandha ftit li xejn punti. Is-settur finanzjarju tal-Ungerija huwa integrat sew fis-sistema finanzjarja tal-UE kif ikkonfermat mill-għadd sostanzjali ta' banek barranin.

Fid-dawl tal-valutazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà ġuridika u tal-issodisfar tal-kriterji ta' konverġenza, u b'kunsiderazzjoni għall-fatturi addizzjonali, il-Kummissjoni tqis li l-Ungerija ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni tal-euro.

7. IL-POLONJA

Il-leġiżlazzjoni fil-Polonja – b'mod partikolari l-Att dwar il-Bank Narodowy Polski (NBP) u l-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja - **mhumiex kompatibbli b'mod sħiħ** mal-obbligu tad-dazju skont l-Artikolu 131 tat-TFUE. L-inkompatibilitajiet jikkonċernaw l-indipendenza tal-bank ċentrali, il-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju u l-integrazzjoni tal-bank ċentrali fis-SEBĊ fiż-żmien tal-adozzjoni tal-euro. Barra minn hekk, għall-Att dwar il-BNP fih ukoll xi nuqqasijiet li jikkonċernaw l-indipendenza tal-bank ċentrali u l-integrazzjoni tal-NBP fis-SEBĊ fiż-żmien tal-adozzjoni tal-euro.

Fil-Polonja, l-inflazzjoni medja fuq 12-il xahar kienet ogħla mill-valur ta' referenza fiż-żmien tal-aħħar valutazzjoni ta' konverġenza fl-2010. L-inflazzjoni medja fil-Polonja matul it-12-il xahar sa Marzu 2012 kienet 4.0 %, ogħla mill-valur ta' referenza ta' 3.1 %, u x'aktarx għandha tibqa' ogħla mill-valur ta' referenza fix-xhur li ġejjin.


L-inflazzjoni annwali tal-HICP naqset gradwalment minn 4.5 % għal inqas minn 2 % bejn nofs l-2009 u nofs l-2010, u dan prinċipalment jirrifletti żidiet iżgħar fil-prezzijiet tal-ikel u tas-servizzi. Wara, l-inflazzjoni bdiet terġa' tiżdied, xprunata minn prezzijiet jogħlew tal-kommoditajiet u miż-żieda tar-rata tal-VAT b'effett minn Jannar 2011. Għalkemm l-inflazzjoni naqset temporanjament bejn Mejju u Settembru 2011, l-aktar minħabba l-iżvilupp favorevoli tal-prezzijiet tal-ikel mhux ipproċessat, id-dgħufija konsiderevoli tar-rata tal-kambju tard fl-2011, reġgħet

imbuttat l-inflazzjoni lura għal 4.5 % f'Diċembru 2011. L-inflazzjoni annwali naqset kemxejn kmieni fl-2012, prinċipalment minħabba effetti ta' bażi favorevoli.

L-inflazzjoni mistennija li tonqos għal 3.7 % fl-2012 u 2.9 % fl-2013 skont it-Tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni, peress li l-impatt inflazzjonarju ta' miżuri ta' darba effettivi fl-2011 għandhom jiġu eliminati bil-mod filwaqt li t-tkabbir tal-output mistenni jonqos. Il-livell relattivament baxx tal-prezzijiet fil-Polonja (qrib is-60 % tal-medja taż-żona tal-euro fl-2010) jissuġġerixxi potenzjal għal aktar konverġenza fil-livell tal-prezzijiet f'terminu ta' żmien twil.

Il-Polonja ma tissodisfax il-kriterju dwar l-istabbiltà fil-prezzijiet.

Grafika 7a: **Il-Polonja - Il-kriterju tal-inflazzjoni mill-2006**
(perċentwali, medja varjabbli ta' 12-il xahar)




Nota: It-tikek f'Diċembru 2012 juru l-valur ta' referenza u l-inflazzjoni medja ta' 12-il xahar previsti fil-pajjiż.
Sors: Eurostat, It-tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni.

Il-Polonja bħalissa hija soġġetta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv (id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2009)[16]. Il-Kunsill irrakkomanda lill-Polonja biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv tagħha sal-2012. Id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika fil-Polonja naqas minn 7.8 % tal-PDG fl-2010 għal 5.1 % tal-PDG fl-2011. Skont it-Tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-proporzjon tad-defiċit mal-PDG għandu jammonta għal 3.0 % fl-2012 u 2.5 % fl-2013 taħt suppożizzjoni tal-ebda bidla fil-politika. Minkejja tkabbir reali medju għoli tal-PDG id-dejn gross tal-gvern żdied għal 56.3 % tal-PDG fl-2011 iżda huwa mistenni li jonqos għal inqas minn 54 % tal-PDG fl-2013.

Il-Polonja ma tissodisfax il-kriterju dwar il-finanzi pubbliċi.

16 2009/589/KE (ĠU L 202, 4.8.2009, p. 46).

Grafika 7b: **Il-Polonja-Il-bilanċ tal-bażit u d-dejn tal-gvern**



(*) It-tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni.
Sors: Eurostat, is-servizzi tal-Kummissjoni.

Iż-zloty Pollakk mhux qed jieħu sehem fl-ERM II. Minn April 2000, il-Polonja bdiet tħaddem is-sistema tar-rata tal-kambju varjabbli. Ir-rata tal-kambju taż-zloty kontra l-euro riċentement uriet volatilità relattivament għolja. Mill-bidu tal-2010 sa nofs l-2011, ir-rata tal-kambju taż-zloty varjat b'mod predominanti f'firxa relattivament wiesgħa bejn 3.85 u 4.15 PLN/EUR. F'Awwissu 2011, it-tensjonijiet dejjem jiżdiedu tas-suq finanzjarju fiż-żona tal-euro bdew jaffettwaw b'mod negattiv is-swieq tal-muniti fl-Ewropa ċentrali u tal-Lvant. Bħala riżultat, iż-zloty ddgħajef minn xi 11 % kontra l-euro bejn Lulju u Diċembru 2011. Fil-bidu tal-2012, ir-rata tal-kambju taż-zloty kontra l-euro irkuprat parzjalment it-telf preċedenti. Matul il-perjodu ta' valutazzjoni ta' sentejn, iż-zloty iddeppreżża b'6.1 % kontra l-euro.

Il-Polonja ma tissodisfax il-kriterju dwar ir-rata tal-kambju.

Ir-rati medji tal-imgħax għal żmien twil fil-Polonja kienu ogħla mill-valur ta' referenza fil-ħin tal-aħħar valutazzjoni ta' konverġenza fl-2010. Ir-rata medja tal-imgħax għal żmien twil fis-sena sa Marzu 2012 kienet ta' 5.8 %, fil-livell tal-valur ta' referenza ta' 5.8 %. Ir-rati tal-imgħax għal perjodu ta' żmien twil naqsu minn iktar minn 6% kmieni fl-2010 għal taħt 5.5% f' Settembru 2010, li jirrifletti tnaqqis sostanzjali fl-inflazzjoni domestika. Sal-bidu tal-2011, ir-rati reġgħu lura għal aktar minn 6 % matul l-issikkar gradwali tal-politika monetarja. Rati tal-imgħax għalj żmien twil naqsu għal darb'oħra għal inqas minn 6 % sa nofs l-2011 u mbagħad għal inqas minn 5.5 % fil-bidu tal-2012, minħabba li bbenefikaw minn titjib fis-sentiment tal-investituri lejn il-pajjiż.

Il-Polonja tissodisfa l-kriterju dwar il-konverġenza tar-rati tal-imgħax għal żmien twil.

Ġew eżaminati wkoll fatturi addizzjonali, inklużi l-iżviluppi fil-bilanċ tal-pagamenti kif ukoll l-integrazzjoni tas-suq tal-prodotti u tal-finanzi. Filwaqt li baqa' f'defiċit, il-bilanċ estern tal-Polonja tjieb konsiderevolment fl-2009. Minkejja li ħżien xi ftit fl-2010 minħabba defiċit ogħla fil-kont kurrenti, huwa reġa' tjieb fl-2011, hekk kif is-surplus li kien qed jiżdied b'mod mgħaġġel fuq il-kont kapitali, minħabba l-assorbiment akbar tal-fondi tal-UE, patta għad-deterjorament ulterjuri tal-bilanċ tal-kont kurrenti. Il-flussi netti tal-investiment dirett barrani (IDB) naqsu sostanzjalment fl-2010, l-iktar bħala riżultat ta' tnaqqis fl-investiment dirett fil-Polonja, qabel ma reġa' rkupra fl-2011, meta koprew madwar 40 % tad-defiċit tal-kont kurrenti. L-ekonomija tal-Polonja hija integrata tajjeb fl-ekonomija tal-UE permezz tar-rabtiet

kummerċjali u tal-IDB. Abbażi ta' indikaturi magħżula relatati mal-ambjent tan-negozju, il-prestazzjoni tal-Polonja hija taħt il-medja tal-Istati Membri taż-żona tal-euro. Is-settur finanzjarju tal-Polonja huwa integrat sew fis-sistema finanzjarja tal-UE kif ikkonfermat mill-ħafna banek barranin.

Fid-dawl tal-valutazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà ġuridika u tal-issodisfar tal-kriterji ta' konverġenza, u b'kunsiderazzjoni għall-fatturi addizzjonali, il-Kummissjoni tqis li l-Polonja ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni tal-euro.

8. IR-RUMANIJA

Il-leġiżlazzjoni fir-Rumanija, b'mod partikolari l-Liġi dwar Banca Naţională a României (BNR), **mhijiex kompatibbli b'mod sħiħ** mal-obbligu tal-konformità skont l-Artikolu 131 tat-TFUE. L-inkompatibilitajiet jikkonċernaw l-indipendenza tal-bank ċentrali, il-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju u l-integrazzjoni tal-bank ċentrali fis-SEBĊ fiż-żmien tal-adozzjoni tal-euro. Barra minn hekk, il-liġi dwar il-BNP fiha wkoll xi nuqqasijiet li jikkonċernawrrigwardaw l-indipendenza tal-bank ċentrali u l-integrazzjoni tal-BNR fis-SEBĊ fiż-żmien tal-adozzjoni tal-euro.


Fir-Rumanija, l-inflazzjoni medja kkalkolata fuq 12-il xahar kienet ogħla mill-valur ta' referenza f'kull valutazzjoni ta' konverġenza mill-adeżjoni fl-UE fl-2007. Ir-rata ta' inflazzjoni medja fir-Rumanija matul it-12-il xahar sa Marzu 2012 kienet 4.6%, ferm ogħla mill-valur ta' referenza ta' 3.1 %. Hija mistennija tilħaq il-valur ta' referenza fix-xhur li ġejjin.

Ir-Rumanija rreġistrat volatilità għal perjodi fit-tul, rati ta inflazzjoni għolja fis-snin riċenti. Fl-2009, l-inflazzjoni annwali baqgħet għolja minkejja tnaqqis ekonomiku qawwi fost żidiet fid-dazji tas-sisa u inflazzjoni persistentement għolja fis-servizzi. L-inflazzjoni żdiedet drastikament fit-tieni nofs tal-2010 minħabba żieda ta' 5 punt perċentwali fir-rata standard tal-VAT. L-inflazzjoni naqset drastikament fit-tieni nofs tal-2011, medja ta' 3.8%. Dan irrifletta *inter alia* effett ta' bażi marbut mal-VAT u tnaqqis fil-prezzijiet tal-ikel minħabba ħsad agrikolu eċċezzjonalment tajjeb.

L-inflazzjoni hija mistennija li tibqa' aktar baxxa fl-2012 u l-2013 meta mqabbla mas-snin reċenti, matul perjodu ta' domanda domestika baxxa u fuq is-suppożizzjoni ta' żidiet moderati fil-prezzijiet amministrati. It-Tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni jipprevedi inflazzjoni HICP annwali medja ta' 3.1% fl-2012 u 3.4% fl-2013. Il-livell relattivament baxx tal-prezzijiet fir-Rumanija (madwar 56% tal-medja taż-żona tal-euro fl-2010) jissuġġerixxi potenzjal għal aktar konverġenza fil-livell tal-prezzijiet f'terminu ta' żmien twil.

Ir-Rumanija ma tissodisfax il-kriterju dwar l-istabbiltà fil-prezzijiet.

Grafika 8a: **Ir-Rumanija - Il-kriterju tal-inflazzjoni mill-2006**
(perċentwali, medja varjabbli ta' 12-il xahar)




Nota: It-tikek f'Diċembru 2012 juru l-valur ta' referenza u l-inflazzjoni medja ta' 12-il xahar previsti fil-pajjiż.
Sors: Eurostat, It-tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni.

Ir-Rumanija bħalissa hija soġġetta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv (id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2009)[17]. Fi Frar 2010, il-Kunsill irrakkomanda lir-Rumanija biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv tagħha sal-2012. Id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika fir-Rumanija laħaq il-quċċata fil-livell ta' 9.0% tal-PDG fl-2009, iżda naqas għal 6.8% u 5.2% tal-PGD fl-2010 u l-2011 rispettivament matul l-isforzi ta'konsolidazzjoni fiskali. Skont it-Tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni, li huwa bbażat fuq suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika, il-proporzjon tad-defiċit mal-PDG se jammonta għal 2.8% fl-2012 u 2.2% fl-2013, filwaqt li d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika huwa mistenni li jistabbilizza fil-livell ta' 34.6% tal-PDG fl-2012 u l-2013 rispettivament.

Ir-Rumanija ma tissodisfax il-kriterju dwar il-finanzi pubbliċi.

Grafika 8b: **Ir-Rumanija - Il-bilanċ tal-baġit u d-dejn tal-gvern**
gradazzjoni bil-maqlub
(f'perċentwali tal-PDG)



(*) It-tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni.
Sors: Eurostat, is-servizzi tal-Kummissjoni.

Il-leu Rumen mhux qed jieħu sehem fl-ERM II. Ir-Rumanija tħaddem sistema tar-rata tal-kambju varjabbli. Ir-rata tal-kambju nominali tal-leu kontra l-euro varjat f'firxa wiesgħa fi snin qabel il-kriżi. Il-leu affaċċja pressjonijiet sinifikanti li dgħajfuh fil-ħarifa 2008 matul l-intensifikazzjoni tal-kriżi finanzjarja globali u fl-sfond ta' żbilanċi makroekonomiċi domestiċi kbar. Id-differenzi tar-rata tal-imgħax għal żmien qasir vis-à-vis iż-żona tal-euro bdew jiżdiedu bħala konsegwenza tan-nuqqas

17 2009/590/KE (ĠU L 202, 4.8.2009, p. 48).

ta’ likwidità li għolla r-rati tal-imgħax għal perjodu ta’ żmien qasir fir-Rumanija. Wara ftehim kmieni fl-2009 biex ir-Rumanija tkun ipprovduta b’pakkett ikkoordinat ta’ assistenza finanzjarja internazzjonali, il-pressjonijiet tas-suq finanzjarju naqsu u b’mod ġenerali l-leu stabbilizzat kontra l-euro fil-livelli li mbagħad ippredominaw għall-biċċa l-kbira tal-perjodu minn 2009 sal-2011. Ir-rata tal-kambju tal-leu kontra l-euro ddepprezzat waqt mumenti temporanji ta’ averżjoni globali tar-riskju , inkluż fit-tieni nofs tal-2011. Fil-bidu tal-2012, hija baqgħet f’livell moderatament aktar dgħajjef mill-medja fl-2009-2011. Matul is-sentejn qabel din il-valutazzjoni, il-leu ddepprezza fil-konfront tal-euro b’6.4%.

Ir-Rumanija ma tissodisfax il-kriterju dwar ir-rata tal-kambju.

Ir-rati medji tal-imgħax għal żmien twil fir-Rumanija kienu ogħla mill-valur ta' referenza f'kull valutazzjoni ta’ konverġenza sa mill-adeżjoni fl-UE. Ir-rata medja tal-imgħax għal żmien twil fir-Rumanija fis-sena sa Marzu 2012 kienet ta' 7.3 %, ogħla mill-valur ta' referenza ta' 5.8 %. Firxiet vis-à-vis iż-żona tal-euro laħqu l-quċċata fl-aqwa tal-kriżi finanzjarja globali f’nofs l-2009. Ir-rati tal-imgħax għal żmien twil fir-Rumanija naqsu drastikament tard fl-2009 u baqgħu ftit aktar minn 7 % għall-parti l-kbira tal-perjodu 2010-2011, qabel ma reġgħu naqsu iktar kmieni fl-2012. Dan it-tnaqqis irrifletta, *inter alia*, aġġustament 'l isfel fil-perkors mistenni tar-rati interbankarji kif ukoll id-domanda qawwija għal bonds sovrani fost l-isforzi ta’ konsolidazzjoni fiskali.

Ir-Rumanija ma tissodisfax il-kriterju dwar il-konverġenza ta' rati tal-imgħax għal żmien twil.

Ġew eżaminati wkoll fatturi addizzjonali, inklużi l-iżviluppi fil-bilanċ tal-pagamenti u l-integrazzjoni tas-suq tal-prodotti u dak finanzjarju. Il-bilanċ estern tar-Rumanija (jiġifieri l-kont kurrenti u kapitali kkombinati) tjieb sew waqt il-kriżi globali. Id-defiċit estern niżel mill-ogħla livell ta' madwar 13 % tal-PDG fl-2007 għal medja ta' madwar 4 % tal-PDG fis-snin 2009-2011. It-tnaqqis tan-nuqqasijiet esterni matul l-aħħar tliet snin kien partikolarment rifless fid-defiċit kummerċjali tal-merkanzija li kien iktar baxx b’mod sinifikanti, minħabba tnaqqis qawwi fl-importazzjonijiet filwaqt li d-domanda domestika splodiet. Ir-Rumanija ila tirċievi għajnuna finanzjarja internazzjonali mill-2009. Fir-rebbiegħa tal-2011, wara t-tlestija b'suċċess tal-ewwel programm ta’ assistenza għall-bilanċ tal-pagamenti, sar disponibbli għar-Rumanija programm prekawzjonarju tal-UE-FMI (disponibbli sal-bidu tal-2013) li jammonta għal madwar EUR 5 biljun. S'issa ma ġie rikjest ebda finanzjament mill-programm. Il-pressjonijiet ta’ finanzjament estern naqsu sew fl-2010-2011 matul perjodu ta’ titjib qawwi fil-bilanċ estern, l-iżborżi ta’ assistenza finanzjarja internazzjonali u l-irkupru tar-rieda għat-teħid ta’ riskji globali.

L-ekonomija tar-Rumanija hija integrata tajjeb fl-ekonomija tal-UE permezz tar-rabtiet kummerċjali u tal-IDB. Fuq il-bażi ta’ indikaturi magħżula dwar l-ambjent tan-negozju, il-prestazzjoni tar-Rumanija hija dgħajfa meta mqabbla ma dik tal-Istati Membri taż-żona tal-euro. L-integrazzjoni tas-settur finanzjarju domestiku mas-sistema finanzjarja tal-UE hija sostanzjali, l-aktar minħabba l-grad għoli ta’ sidien barranin ta' intermedjarji finanzjarji[18].

[18] Ir-Rumanija, bħala Stat Membru taħt il-programm ta' għajnuna finanzjarja tal-UE-FMI u sabiex tiġi evitata d-dupplikazzjoni ta' proċeduri ta' sorveljanza, mhix eżaminata skont il-proċedura ta’ żbilanċi

Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-kompatibbiltà ġuridika u tas-sodisfar tal-kriterji ta' konverġenza, u b'kunsiderazzjoni għall-fatturi addizzjonali, il-Kummissjoni tqis li r-Rumanija ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni tal-euro.

9. L-ISVEZJA

Il-leġiżlazzjoni fl-Isvezja - partikolarment l-Att dwar is-Sveriges Riksbank, l-Istrument tal-Gvern u l-Liġi dwar il-Politika tar-Rata tal-Kambju - **mhijiex kompatibbli b'mod sħiħ** mal-obbligu tal-konformità skont l-Artikolu 131 tat-TFUE. Inkompatibbiltajiet u imperfezzjonijiet jeżistu fl-oqsma tal-indipendenza tal-bank ċentrali, il-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju u l-integrazzjoni tal-bank ċentrali fis-SEBĊ fiż-żmien tal-adozzjoni tal-euro.


Fl-Isvezja, l-inflazzjoni medja fuq 12-il xahar kienet ogħla mill-valur ta' referenza fiż-żmien tal-aħħar valutazzjoni ta' konverġenza fl-2010. Minn dakinhar, l-inflazzjoni naqset gradwalment. Ir-rata tal-inflazzjoni medja fl-Isvezja fuq it-12-il xahar sa Marzu 2012 kienet ta' 1.3 %, ferm taħt il-valur ta' referenza ta' 3.1 %, u x'aktarx fix-xhur li ġejjin għandha tibqa' sew taħt il-valur ta' referenza.

Wara medja ta' 3.4 % fl-2008, l-inflazzjoni HICP kienet taħt it-2 % fis-snin ta' wara peress li krona iktar b'saħħitha flimkien ma' kost ta' unità lavorattiva mrażżan, żammew lura pressjonijiet inflazzjonarji. L-inflazzjoni żdiedet temporanjament fit-tieni nofs tal-2010 matul perjodu ta' prezzijiet ogħla tal-enerġija, iżda reġgħet naqset fl-2011. Bħala medja, fl-2011 l-inflazzjoni ammontat għal 1.4 %.

L-inflazzjoni mistennija li tibqa' moderata fl-2012 u l-2013, f'medja ta' madwar 1.1 % u 1.5 %, rispettivament, skont it-Tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni, peress li domanda domestika baxxa u kapaċità żejda suffiċjenti huma mistennija jrażżnu l-impatt inflazzjonarju ta' kost ogħla ta' unità lavorattiva.

L-Isvezja tissodisfa l-kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet.

Grafika 9a: **L-Isvezja - Il-kriterju tal-inflazzjoni mill-2006**
(perċentwali, medja varjabbli ta' 12-il xahar)




Nota: It-tikek f'Diċembru 2012 juru l-valur ta' referenza u l-inflazzjoni medja ta' 12-il xahar previsti fil-pajjiż.
Sors: Eurostat, It-tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni.

makroekonomiċi fl-2012. Għaldaqstant ma kinetx koperta fir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija u f'analiżi ddettaljati.

L-Isvezja mhijiex soġġetta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Il-finanzi pubbliċi Svediżi kienu qawwija fit-tħejjija għall-kriżi finanzjarja globali, b'surplus għall-amministrazzjoni pubblika li ammonta għal 3.6 % u 2.2 % fl-2007 u l-2008, rispettivament. Il-bilanċ malajr inbidel f'defiċit ta' 0.7 % fl-2009. Hekk kif beda l-irkupru ekonomiku, reġa' kien hemm surplus żgħir ta' 0.3 % fl-2010, li baqa' fl-istess livell fl-2011. Skont it-Tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika se jispiċċa f'defiċit ta' 0.3 % fl-2012, qabel ma jerġa' jkun hemm surplus ta' 0.1 % fl-2013 taħt suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika. Fil-proporzjon tad-dejn pubbliku gross kien ta' 38.4 % tal-PDG fl-2011 u huwa pproġettat li jkompli x-xejra 'l isfel u jilħaq 34.2 % tal-PDG fl-2013.

L-Isvezja tissodisfa l-kriterju dwar il-finanzi pubbliċi.

Grafika 9b: **L-Isvezja - Il-bilanċ tal-bażit u d-dejn tal-gvern**



(*) It-tbassir tar-rebbiegħa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni.

Sors: Eurostat, is-servizzi tal-Kummissjoni.

Il-krona Svediża mhix tieħu sehem fl-ERM II. L-Isvezja segwiet sistema ta' rata tal-kambju varjabbli u miri għall-inflazzjoni sa mill-bidu tas-snin 90. Il-krona ddeprezzat drastikament f'nofs il-kriżi finanzjarja fl-2008 peress li l-investituri saru inqas disposti li jieħdu riskju, iżda imbagħad irkuprat malajr. Il-krona ssaħħet b'xi 20 % kontra l-euro bejn Marzu 2009 u Frar 2011. Wara d-dgħufija fl-ewwel nofs tal-2011, il-krona ġeneralment stabbilizzat qabel ma ssaħħet fi tmiem l-2011 peress li l-finanzi pubbliċi b'saħħithom tal-Isvezja attiraw flussi ta' rifuġju fil-krona. Matul il-perjodu ta' valutazzjoni ta' sentejn, il-krona apprezzat b'7.7 % kontra l-euro.

L-Isvezja ma tissodisfax il-kriterju dwar ir-rata tal-kambju.

Ir-rata medja tal-imgħax għal żmien twil fl-Isvezja fis-sena sa Marzu 2012 kienet ta' 2.2 %, taħt il-valur ta' referenza ta' 5.8 %. Ir-rati medji tal-imgħax għal żmien twil ilhom taħt il-valur ta' referenza sa mill-adeżjoni fl-UE fl-1995. Ir-rati tal-imgħax għal żmien twil fl-Isvezja segwew mill-qrib ħafna r-rendimenti fit-tul l-iktar baxxi fost il-pajjiżi tal-UE fis-snin riċenti.

L-Isvezja tissodisfa l-kriterju dwar il-konverġenza ta' rati tal-imgħax għal żmien twil.

Ġew eżaminati wkoll fatturi addizzjonali, inklużi l-iżviluppi fil-bilanċ tal-pagamenti u l-integrazzjoni tas-suq tal-prodotti u dak finanzjarju. Il-kont estern Svediż ilu b'surplus sa min-nofs is-snin 90, xprunat minn esportazzjonijiet netti għolja ta'

prodotti, u riċentiment anke ta' servizzi. Is-surplus tal-kont estern żdied minn madwar 4 % tal-PDG fil-bidu tas-snin 2000 għal madwar 7-8 % mill-2004. L-ekonomija Svediża hija integrata ħafna fl-ekonomija tal-UE permezz tar-rabtiet kummerċjali u tal-IDB qawwija. Abbażi tal-indikaturi magħżula dwar l-ambjent tan-negozju, il-prestazzjoni tal-Isvezja hija ferm ogħla mill-medja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro, partikolarment minħabba l-livell għoli ta' adozzjonijiet teknoloġiċi, innovazzjonijiet, l-aċċess għall-internet, l-edukazzjoni ogħla u l-kwalità tal-istituzzjonijiet pubbliċi u privati. L-integrazzjoni tas-settur finanzjarju domestiku mas-settur finanzjarju tal-UE huwa sostanzjali, b'rabtiet partikolarment qawwija ma' pajjiżi Nordiċi oħrajn u mal-Istati Baltiċi. Is-settur finanzjarju Svediż huwa żviluppat sew, kemm fid-daqs kif ukoll fis-sofistikazzjoni, u jikkorrispondi għall-istadju avvanzat tiegħu ta' żvilupp ekonomiku. L-Isvezja madankollu, rat żidiet qawwija ħafna fil-prezzijiet tad-djar matul l-aħħar snin li bdew jistabbilizzaw biss riċentement. B'konformità mal-konklużjoni tar-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija ta' Frar 2012, l-Isvezja kienet soġġetta għal reviżjoni dettaljata fil-kuntest tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku.

Fid-dawl tal-valutazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà ġuridika u tas-sodisfar tal-kriterji ta' konverġenza, u b'kunsiderazzjoni għall-fatturi addizzjonali, il-Kummissjoni tqis li l-Isvezja ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni tal-euro.